32004R0448

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 448/2004
ta' l-10 ta' Marzu 2004
li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1685/2000 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 dwar l-eliġibilità ta' l-infiq fuq operazzjonijiet ko-finanzjati mill-Fondi Strutturali u li jirtira r-Regolament (KE) Nru 1145/2003

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jippreskrivi disposizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali [1], b'mod partikolari l-Artikoli 30(3) u 53(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 147 tat-Trattat, lill-Kumitat dwar l-Istrutturi Agrikoli u Żvilupp Rurali, u lill-Kumitat dwar l-Istrutturi għas-Sajd u l-Akwakultura,

Billi:

(1) Sett komuni ta' regoli dwar l-eliġibilità hu preskritt fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1685/2000 [2]. Dak ir-Regolament daħal fis-seħħ fil-5 ta' Awissu 2000.

(2) Madankollu, l-esperjenza wriet li r-regoli dwar l-eliġibilità hemm bżonn li jinbidlu f'diversi aspetti.

(3) B'mod partikolari, hu xieraq li wieħed jagħraf l-eliġibilità ta' ħlasijiet għal transazzjonijiet finanzjarji transnazzjonali fil-kuntest ta' għajnuna skond l-inizjattivi tal-Paċi II u tal-Komunità

(4) Għandu wkoll ikun iċċarat li pagamenti ġo fondi għal kapital spekulattiv, self u garanziji jikkostitwixxu spejjeż attwalment imħallsa,.

(5) Għandu jkun iktar iċċarat li l-eliġibilità tal-VAT għal ko-finanzjament ma tiddependix minn jekk il-benefiċjarju finali huwiex pubbliku jew privat.

(6) Dwar żvilupp rurali, għandu jkun iċċarat li r-regola li biha prova ta' spiża tista' tkun f'għamla ta' fatturi b'riċevuta għandha tapplika, imma bla ħsara għal regoli speċifiċi stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2002 tas-26 ta' Frar 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) [3], meta l-prezzijiet unitarji *standard* għal ċerti investimenti fis-settur tal-forestrija għandhom jiġu stabbiliti.

(7) Għal raġunijiet ta' ċarezza u konvenjenza, l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1685/2000 għandu jinbidel kollu kemm hu.

(8) Id-disposizzjonijiet regolatorji dwar pagamenti ġo fondi għal kapital spekulattiv, self u garanziji, u l-eliġibilità tal-VAT ħolqu diffikultajiet ta' interpretazzjoni.

(9) Wara li jkun ikkunsidrat il-prinċipju ta' trattament ugwali, u għall-għan li jitqiesu l-ispejjeż attribwibbli għal ħlasijiet finanzjarji transnazzjonali, ir-regoli rilevanti għandhom japplikaw retroattivament.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 1685/2000 kien mibdul skond dan bir-Regolament (KE) Nru 1145/2003. Meta ġie adottat dak ir-Regolament, madankollu, il-ħtiġijiet dwar il-proċedura ta' kumitat ma ġewx imħarsa fl-intier tagħhom u b'riżultat ir-Regolament (KE) Nru 1145/2003 għandu għalhekk jiġi irtirat.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Iżvilupp u l-Konverżjoni tar-Reġjuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1145/2003 huwa irtirat.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1685/2000 jinbidel bl-Anness ta' dan ir-Regolament

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-5 ta' Lulju 2003.

Il-punti li ġejjin fl-Anness għandhom japplikaw mill-5 ta' Awwissu 2000:

(a) fir-Regola 1, il-punti 1.3, 2.1, 2.2, u 2.3;

(b) fir-Regola 3, il-punt 1;

(ċ) fir-Regola 7, il-punti 1 sa 5.

---

[1] ĠU L 161, tas-26.06.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1105/2003 (ĠU L 158, tas-27.06.2003, p. 3).

[2] ĠU L 193, tad-29.7.2000. p. 39. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1145/2003 (ĠU L 160, tat-28.6.2003, p. 48).

[3] ĠU L 74, tal-15.03.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 963/2003 (ĠU L 138, 05.06.2003, p. 32).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

Michel BARNIER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

REGOLI DWAR L-ELIĠIBILITÀ

REGOLA Nru 1: Infiq attwalment imħallas

1. ĦLASIJIET MINN BENEFIĊJARJI FINALI

1.1. Ħlasijiet li jkunu saru minn benefiċjarji finali fis-sens tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 32(1) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (hawn iżjed 'il quddiem ir-Regolament ġenerali) għandhom isiru fi flus bla ħsara għall-eċċezzjonijiet indikati fil-punt 1.5.

1.2. Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna skond l-Artikolu 87 tat-Trattat u għajnuna mogħtija minn korpi nominati mill-Istati Membri, "ħlasijiet magħmula minn benefiċjarji finali" tfisser għajnuna mħallsa lil individwi li jkunu jirċievu minn għand korpi li jagħtu l-għajnuna.

1.3. Ħlasijiet ġo fondi ta' kapital spekulattiv, self, u garanziji (inklużi *venture capital holding funds*) jiġu trattati bħala "spejjeż attwalment diġà mħallsa" fis-sens tat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 32(1) tar-Regolament ġenerali basta li l-fondi jħarsu l-ħtiġijiet tar-Regoli 8 u 9 rispettivament

1.4. F'każi għajr dawk imsemmija fil-punt 1,2, "ħlasijiet magħmula minn benefiċjarji finali" tfisser ħlasijiet magħmula minn korpi jew minn ditti pubbliċi jew privati tat-tip definiti f'dak li jkompli mal-programm skond l-Artikolu 18(3)(b) tar-Regola ġenerali u li jkunu direttament responsabbli għall-kummissjunar ta' l-operazzjoni speċifika

1.5. Skond il-kondizzjonijiet preskritti fil-punti 1.6, 1.7 u 1.8, deprezzament, kontribuzzjonijiet mhux f'għamla ta' flus u spejjeż ġenerali jistgħu wkoll jiffurmaw parti mill-ħlasijiet imsemmija fil-punt 1.1. Madankollu, il-ko-finanzjament mill-Fondi strutturali ta' xi operazzjoni m'għandhomx jaqbżu t-total ta' l-infiq eliġibbli, għajr kontribuzzjonijiet mhux f'għamla ta' flus, fl-aħħar ta' l-operazzjoni.

1.6. Id-deprezzament fuq proprjetà immobbli jew tagħmir li jkunu konnessi direttament mal-finijiet ta' l-operazzjoni hu infiq eliġibbli, basta li:

(a) għotjiet nazzjonali jew tal-Komunità ma jkunux marru għax-xiri ta' proprjetà immobbli jew tagħmir bħal dan;

(b) l-ammont ta' deprezzament jinħadem skond ir-regoli rilevanti ta' kontijiet; u

(ċ) l-ammont ikun esklusivament jirrelata għall-perjodu tal-ko-finanzjament ta' l-operazzjoni in kwistjoni.

1.7. Meta mhux fl-għamla ta' flus, kontribuzzjonijiet huma infiq eliġibbli basta li:

(a) ikunu jikkonsistu fi provvediment ta' proprjetà immobbli, tagħmir jew materjal, riċerka jew attività professjonali, jew xogħol volontarju bla ħlas;

(b) ma jsirux fir-rigward ta' miżuri finanzjarji ippjanati kif imsemmija fir-Regoli 8, 9 u 10

(ċ) il-valur tagħhom ikun jista' jiġi assessjat u verifikat independentement;

(d) fil-każ ta' provvediment ta' art jew proprjetà immobbli, il-valur ikun ċertifikat minn stimatur kwalifikat jew korp uffiċjali debitament awtorizzat;

(e) fil-każ ta' xogħol volontarju bla ħlas, il-valur ta' dak ix-xogħol irid jiġi determinat wara li tkun ittieħdet konsiderazzjoni tal-ħin involut u u tar-rata normali ta' kull sieġa u ta' kuljum għax-xogħol li jkun twettaq

(f) id-disposizzjonijiet tar-Regoli 4, 5 u 6 ikunu mħarsa meta applikabbli.

1.8. Spejjeż ġenerali huma infiq eliġibbli basta li jkunu bażati fuq ammonti reali li jirrelataw għall-implimentazzjoni ta' l-operazzjoni ko-finanzjata mill-Fondi Strutturali u li jkunu allokati pro rata għall-allokazzjoni, skond metodu ġust u ekwu debitament ġustifikat.

1.9. Id-disposizzjonijiet tal-punti 1.5 sa 1.8 huma applikabbli għal individwi riċevituri imsemmija fil-punt 1.2 fil-każ ta' skemi ta' għajnuna skond l-Artikolu 87 tat-Trattat u għajnuna mogħtija minn korpi nominati mill-Istati Membri.

1.10. L-Istati Membri jistgħu japplikaw regoli nazzjonali aktar stretti meta jikkalkolaw l-infiq eliġibbli skond il-punti 1.6, 1.7 u 1.8.

2. PROVA TA' L-INFIQ

2.1. Bħala regola ġenerali, ħlasijiet minn benefiċjarji finali, dikjarati bħala ħlasijiet interim u ħlasijiet tal-bilanċ finali, għandhom ikunu sostnuti b'fatturi b'riċevuta. Meta dan ma jistax isir, ħlasijiet għandhom ikunu sostnuti b'dokumenti ta' kontijiet ta' valur probatorju ekwivalenti.

2.2. Dwar żvilupp rurali, id-disposizzjoni speċifikata fil-punt 2.1 tapplika bla ħsara għal regoli speċifiċi stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 445/2002 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar sostenn għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) għall-każ ta' kif jinħadmu l-valuri unitarji standard għal ċerti investimenti fis-settur tal-forestrija.

2.3. Barra dan, meta jitwettqu operazzjonijiet fil-qafas ta' proċeduri dwar provvisti pubbliċi ħlasijiet minn befiċjarji finali, dikjarati bħala ħlasijiet interim u ħlasijiet tal-bilanċ finali, għandhom ikunu sostnuti b'fatturi b'riċevuti maħruġa skond id-disposizzjonijiet tal-kuntratti ffirmati. Fil-każi l-oħra kollha, inklużi l-għotjiet ta' għajnuniet pubbliċi, ħlasijiet minn benefiċjarji finali, dikjarati bħala ħlasijiet interim u ħlasijiet tal-bilanċ finali, iridu jkunu ġustifikati b'infiq li jkun attwalment sar (inkluż l-infiq imsemmi fil-punt 1.5) mill-korpi jew ditti pubbliċi jew privati konċernati fl-implimentazzjoni ta' l-operazzjoni.

3. GĦOTI TA' SUBAPPALTI

3.1. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali aktar stretti, infiq li għandu x'jaqsam mas-sottokuntratti li ġejjin mhuwiex eliġibbli għal ko-finanzjament mill-Fondi Strutturali:

(a) għoti ta' subappalti li jżid man-nefqa tat-twettiq ta' l-operazzjoni, mingħajr żieda ta' valur proporzjonat għaliha;

(b) sottokuntratti ma' intermedjarji jew konsulenti li fihom il-ħlas ikun imfisser bħala perċentwal ta' l-ispiża kollha ta' l-operazzjoni sakemm dan il-ħlas ma jkunx ġustifikat mill-benefiċjarju finali b'referenza għall-valur attwali tax-xogħol jew servizz li jkun ingħata.

3.2. Għas-sottokuntratti kollha, sottokuntratturi għandhom jintrabtu li jagħtu lill-korpi ta' awdituri u kontroll l-informazzjoni kollha meħtieġa konnessa ma' l-attivitajiet sottokuntrattati.

Regola Nru 2: Trattament ta' riċevuti fil-kontijiet

1. "Riċevuti" għall-finijiet ta' din ir-Regola jkopru d-dħul riċevut minn operazzjoni waqt il-perjodu li tkun qed tiġi ko-finanzjata jew matul xi perjodu itwal sa l-għeluq ta' l-għajnuna skond kif ikun iffissat mill-Istat Membru, minn bejgħ, kirjiet, servizzi, ħlasijiet ta' arrwolament jew xi dħul ieħor bl-eċċezzjoni ta':

(a) dħul li nħoloq matul il-ħajja ekonomika ta' l-investimenti ko-finanzjati u suġġett għad-disposizzjonijiet speċifiċi ta' l-Artikolu 29(4) tar-Regolament ġenerali;

(b) dħul li nħoloq fil-qafas ta' miżuri finzjarji ippjanati msemmija fir-Regoli 8, 9 u 10;

(ċ) kontribuzzjonijiet mis-settur privat għall-ko-finanzjament ta' operazzjonijiet, li jidhru flimkien ma' kontribuzzjonijiet pubbliċi fit-tabelli dwar finanzjament ta' l-għajnuna rilevanti.

2. Dħul taħt il-punt 1 jirrappreżenta dħul li jnaqqas l-ammont ta' ko-finanzjament mill-Fondi Strutturali li hu meħtieġ għall-operazzjoni in kwistjoni. Qabel ma jinħadem is-sehem tal-Fondi Strutturali u mhux iżjed tard mit-tmiem ta' l-għeluq tal-perjodu ta' l-għajnuna, dawn jitnaqqsu kollha kemm huma jew pro rata min-nefqa kollha eliġibbli ta' l-operazzjoni, skond jekk inħolqux kollha kemm huma jew parti minnhom mill-operazzjoni ko-finanzjata.

Regola Nru 3: Piżijiet finanzjarji u oħrajn u spejjeż ġuridiċi

1. PIŻIJIET FINANZJARJI

Interessi ta' debitu (ħlief infiq dwar sussidji fuq interessi biex inaqqsu l-prezz ta' self għal negozji skond skema ta' għajnuna Statali approvata), piżijiet dwar trnsazzjonijiet finanzjarji, kummissjonijiet u telf fuq kambji esteri, u spejjeż oħra purament finazjarji mhumiex eliġibbli għal ko-finanzjament mill-Fondi Strutturali. Madankollu, piżijiet dwar transazzjonijiet finanzjarji transnazzjonali f'għajnuna taħt il-Paċi II u l-Inizjattivi Komunitarji (. Barra dan, fil-każ ta' għotjiet globali, piżijiet dwar interessi ta' debitu mħallsa mill-intermedjarju nominat qabel il-ħlas tal-bilanċ finali ta' l-għajnuna huma eliġibbli, wara li jitnaqqsu l-interessi riċevuti fuq ħlasijiet akkont..

2. PIŻIJIET BANKARJI FUQ KONTIJIET

Meta l-ko-finanzjament mill-Fondi Strutturali jeħtieġ il-ftuħ ta' kont jew kontijiet separati għall-implimentazzjoni ta' operazzjoni, il-piżijiet bankarji għall-ftuħ u l-amministrazzjoni tal-kontijiet, huma eliġibbli.

3. ĦLASIJIET ĠURIDIĊI DWAR PARIRI, ĦLASIJIET NOTARILI, L-ISPEJJEŻ TA' L-ESPERTI TEKNIĊI JEW FINANZJARJI, L-ISPEJJEŻ TA' L-*ACCOUNTANCY* U L-VERIFIKA

Dawn l-ispejjeż huma eliġibbli jekk ikunu direttament konnessi ma' l-operazzjoni u meħtieġa għall-preparazzjoni jew l-implimentazzjoni tagħha jew, fil-każ ta' l-ispejjeż ta' *accounting* u verifika, jekk ikollhom x'jaqsmu ma' talbiet magħmula mill-awtorit_ amministrattiva.

4. SPEJJEŻ DWAR GARANZIJI PROVDUTI MINN BANK JEW ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI OĦRA

Dawn l-ispejjeż huma eliġibbli sakemm il-garanziji jkunu meħtieġa mil-leġislazzjoni nazzjonali jew Komunitarja jew bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-għajnuna.

5. MULTI, PENALI FINANZJARJI U SPEJJEŻ TA' LITIGAZZJONI

Dawn l-ispejjeż mhumiex eliġibbli.

Regola Nru 4: Xiri ta' tagħmir użat

Il-prezz tax-xiri ta' tagħmir użat hu eliġibbli għal ko-finanzjament mill-Fondi Strutturali bil-kondizzjonijiet li ġejjin bla ħsara għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali aktar stretti:

(a) il-bejjiegħ tat-tagħmir għandu jagħmel dikjarazzjoni li turi l-oriġini, u jikkonferma li fl-ebda ħin matul is-seba' snin ta' qabel ma nxtara bl-għajnuna ta' xi għotjiet nazzjonali jew Komunitarji;

(b) il-prezz tat-tagħmir m'għandux jaqbeż il-prezz tas-suq tiegħu u għandu jkun inqas mill-prezz ta' tagħmir ġdid bħalu; u

(ċ) it-tagħmir għandu jkollu l-karatteristiċi tekniċi neċessarji għall-operazzjoni u jkun konformi man-normi u *standards* applikabbli.

Regola Nru 5: Xiri ta' Art

1. REGOLA ĠENERALI

1.1. Il-prezz tax-xiri ta' art mhux mibnija għandu jkun eliġibbli għal ko-finanzjament mill-fondi Strutturali bit-tliet kondizzjonijiet li ġejjin bla ħsara għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali aktar stretti:

(a) għandu jkun hemm konnessjoni diretta bejn ix-xiri ta' art u l-finijiet ta' l-operazzjoni ko-finanzjata;

(b) ħlief għall-każi deskritti fil-punt 2, ix-xiri ta' art m'għandux jirrappreżenta aktar minn 10 % tan-nefqa kollha eliġibbli ta' l-operazzjoni, sakemm ma jkunx iffissat perċentwal ogħla ta' għajnuna approvata mill-Kummissjoni;

(ċ) għandu jinkiseb ċertifikat minn stimatur indipendenti kwalifikat jew korp uffiċjali debitament awtorizzat li jikkonferma li l-prezz tax-xiri ma jaqbiżx dak tas-suq.

1.2. Fil-każ ta' skemi ta' għajnuna skond l-Artikolu 87 tat-Trattat, l-eliġibilità tax-xiri ta' art għandha tkun stmata f'termini ta' l-iskema ta' għajnuna fit-totalità tagħha.

2. OPERAZZJONIJIET TA' KONSERVAZZJONI TA' L-AMBJENT

Dwar operazzjonijiet ta' konservazzjoni ambjentali, il-kondizzjonijiet kollha indikati hawn taħt għandhom jiġu mħarsa biex in-nefqa tkun eliġibbli:

— ix-xiri ikun is-suġġett ta' deċiżjoni posittiva ta' l-awtorità amministrattiva,

— l-art tkun qiegħda hemm għall-użu maħsub għal perjodu determinat f'dik id-deċiżjoni,

— l-art ma tkunx ta' użu agrikolu ħlief f'każi debitament ġustifikati aċċettati mill-awtorità amministrattiva,

— ix-xiri jsir minn, jew f'isem istituzzjoni pubblika jew korp regolat b'liġi pubblika.

Regola Nru 6: Xiri ta' proprjetà immobbli

1. REGOLA ĠENERALI

Il-prezz tax-xiri ta' proprjetà immobbli, i.e. bini diġà eżistenti u l-art li jkun mibni fuqha, ikun eliġibbli għal ko-finanzjament mill-Fondi Strutturali jekk ikun hemm konnesjoni diretta bejn ix-xiri u l-għanijiet ta' l-operazzjoni konċernata skond il-kondizzjonijiet preskritti fil-punt 2 bla ħsara għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali aktar stretti

2. TERMINI DWAR ELIĠIBILITÀ

2.1. Għandu jinkiseb ċertifikat minn stimatur kwalifikat indipendenti jew korp uffiċjali debitament awtorizzat li jistabbilixxi li l-prezz ma' jaqbiżx dak tas-suq, u li jikkonferma li l-bini jkun konformi mar-regoli nazzjonali jew li jispeċifika l-punti li ma jkunux konformi meta r-rettifika tagħhom mill-benefiċjarju finali tkun prevista fl-operazzjoni.

2.2. Il-bini ma jkunx irċieva, fl-għaxar snin ta' qabel, xi għotja nazzjonali jew Komunitarja li tikkawża duplikazzjoni ta' għajnuna fil-każ ta' ko-finanzjament tax-xiri mill-Fondi Strutturali.

2.3. Il-proprjetà immobbli għandha tintuża għal dak il-għan u matul il-perjodu deċiż mill-awtorità amministrattiva.

2.4. Il-bini jista' jintuża biss f'konformità ma' l-għanijiet ta' l-operazzjoni. B'mod partikolari, il-bini jista' jintuża biex jakkomoda servizzi ta' amministrazzjoni pubblika biss meta użu bħal dan ikun konformi ma' l-attivitajiet eliġibbli tal-Fond Strutturali konċernat.

Regola Nru 7: VAT u taxxi u piżijiet oħra

1. Il-VAT ma tikkostitwix nefqa eliġibbli ħlief meta tkun ġenwinament u definittivament imħallsa mill-benefiċjarju finali, jew ir-riċevitur individwali fi ħdan l-iskemi ta' għajnuna skond l-Artikolu 87 tat-Trattat u fil-każ ta' għajnuna mogħtija mill-korpi nominati mill-Istati Membri. VAT li tista' tittieħed lura, bi kwalunkwe mezz, ma tistax tiġi meqjusa eliġibbli, anke jekk ma tkunx attwalment ittieħdet lura mill-benefiċjarju finali jew l-riċevitur individwali L-istatus pubbliku jew privat tal-benefiċjarju finali jew ir-riċevitur individwali ma jitqiesx meta jkun qed jiġi stabbilit jekk il-VAT tikkostitwix infiq eliġibbli fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' din ir-regola.

2. VAT li ma tistax tittieħed lura mill-benefiċjarju finali jew ir-riċevitur individwali permezz ta' l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali speċifiċi tikkostitwixxi infiq eliġibbli biss meta regoli bħal dawn ikunu jikkonformaw kompletament mas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE dwar il-VAT ([1]).

3. Meta l-benefiċjarju finali jew l-riċevitur individwali ikun suġġett għal skema b'rata uniformi taħt it-Titolu XIV tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE dwar il-VAT, il-VAT imħallsa titqies li tista' tittieħed lura għall-finijiet tal-punt 1.

4. Ko-finanzjament Komunitarju ma jistax jaqbeż l-infiq kollu eliġibbli mingħajr il-VAT, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 29(6) tar-Regolament ġenerali.

5. Taxxi u piżijiet oħra (partikolarment taxxi diretti u kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali fuq pagi u salarji) li jinħolqu minn ko-finanzjament mill-Fondi Strutturali ma jikkostitwux infiq eliġibbli ħlief meta jkunu ġenwinement u definittivament imħallsa mill-benefiċjarju finali jew ir-riċevitur individwali.

Regola Nru 8: Kapital spekulattiv u fondi ta' self

1. REGOLA ĠENERALI

Il-Fondi Strutturali jistgħu jikko-finanzjaw il-kapital ta' kapital spekulattiv u/jew fondi ta' self jew fondi *holding* ta' kapital spekulattiv taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'punt 2. Għal l-għan ta' dan ir-Regolamnet, "fondi u fondi ta' self ta' kapital Spekulattiv" tfisser vettura ta' investiment stabbilita speċifikamnet biex tiprovdi equity jew forma ta' riskju ta' oħra kapitali, inkluzi delf, fuq intraprizi żgħar u ta daqs medju kif definit fir-Rekomandazzjoni tal-Kummissjoni 96/280/KE ([2]) kif l-żħħar emendata bir-Rekomandazzjoni tas-6 ta' Mejju 2003. "Fondi holding tal-kapital Spekulattiv" tfisser fondi stabbilti biex jinvestu f'diversi kapitali spekulattivi u fondi ta' self. Il-parteċipazzjoni tal-Fondi Strutturali tista tkun akkumpanjata b'ko-investimenti jew garanziji minn strumenti oħra ta' finanzjar tal-Komunità.

([1]) ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 1.
([2]) ĠU L 107, tat-30.04.1996, p. 4.

2. KONDIZZJONIJIET

2.1. Pjan prudenti ta' negozju għandu jintbagħat minn ko-finanzieri jew sponsors tal-fond li jispeċifika, fost affarijiet oħra, is-suq fil-mira, il-kriterji, termini u kondizzjonijiet tal-finanzjament, il-*budget* operattiv tal-fond, is-sieħba sidien u ko-finanzieri, il-professjonaliżmu, kompetenza u indipendenza ta' l-amministrazzjoni, il-liġijiet lokali tal-fond, il-ġustifikazzjoni u l-utilizzazzjoni maħsuba tal-kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali, il-politika ta' ħruġ mill-investiment, u d-dispożizzjonijiet dwar xoljiment tal-fond, inkluża l-utilizzazzjoni mill-ġdid ta' dħul lura attribwibbli għall-kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali. Il-pjan ta' dħul u nfiq għandu jkun analizzat sew u l-implimentazzjoni tiegħu monitorjata minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità amministrattiva.

2.2. Il-fond għandu jiġi stabbilit bħala entità ġuridika indipendenti regolata bi ftehim bejn id-detenturi ta' l-ishma jew bħala blokk finanzjarju separat fi ħdan istituzzjoni finanzjarja eżistenti. Fil-każ ta' l-aħħar il-fond għandu jkun suġġett għal ftehim separat dwar l-implimentazzjoni, li jistipula b'mod partikolari iż-żamma ta' kontijiet separati li jiddistingwu bejn ir-riżorsi ġodda investiti fil-fond (inklużi dawk kontribwiti mill-Fondi Strutturali) u dawk li inizjalment kienu disponibbli fl-istituzzjoni. Il-parteċipanti kollha fil-fond għandhom jagħmlu l-kontribuzzjoni tagħhom bi flus kontanti.

2.3. Il-Kummissjoni ma tistax tkun sieħba jew ikollha ishma fil-fond.

2.4. Il-kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali għandha tkun suġġetta għal-limiti preskriti fl-Artikolu 29(3) u (4) tar-Regolament ġenerali.

2.5. Fondi jistgħu jinvestu biss f'SMEs fl-istabbiliment tagħhom, fl-istadji tal-bidu (inkluż kapital ta' l-avvjament) u f'espansjoni u biss f'attivitajiet li l-amministraturi tal-fondi jidhrilhom li huma potenzalment vijabbli. L-istima ta' vijabilità għandha tqis l-għejun kollha ta' dħul ta' l-intrapriżi in kwistjoni. Fondi m'għandhomx jinvestu f'ditti f'diffikultà fis-sens tal-Linjigwida tal-Komunità dwar għajnuna Statali biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà ([1]).

2.6. Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet biex titnaqqas kemm jista' jkun id-distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq ta' kapital spekulattiv jew ta' self. B'mod partikolari d-dħul minn investimenti ta' kapital u self (bit-tnaqqis tas-sehem pro rata ta' l-ispejjeż amministrattivi) jista' jkun preferenzalment allokat lid-detenturi ta' ishma tas-settur privat sal-livell ta' rimunerazzjoni preskritt fil-ftehim tad-detentur ta' l-ishma, u wara dak, għandu jiġi allokat proporzjonatament bejn id-detenturi kollha ta' l-ishma u l-Fondi Strutturali. Dħul lura fil-fond attribwibbli għall-kontribuzzjonijiet tal-Fondi Strutturali għandu jerġgħa jiġi wżat għal attivitajiet ta' żvilupp ta' SMEs fl-istess qasam eliġibbli.

2.7. Spejjeż ta' amministrazzjoni m'għandhomx jaqbżu l-5 % tal-kapital imħallas per sald fuq medja annwali għal kemm iddum l-għajnuna ħlief jekk, wara sejħa kompetittiva għal offerti għal xogħol bl-appalt, ikun jinħtieġ perċentwal ogħla..

2.8. Fil-ħin ta' l-għeluq ta' l-operazzjoni, l-infiq eliġibbli tal-fond (il-benefiċjarju finali) għandu jkun il-kapital tal-fond li jkun investit fi, jew misluf lil SMEs, inklużi l-ispejjeż amministrattivi li jkunu nħolqu.

2.9. Kontribuzzjonijiet għal fondi mill-Fondi Strutturali u għejun pubbliċi oħra, kif ukoll l-investimenti magħmula minn fondi f'SMEs individwali, huma suġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna Statali.

3. RAKKOMANDAZZJONIJIET

3.1. Il-Kummissjoni tirrakkomanda l-*istandards* ta' prattika tajba preskritti fil-punti 3.2 sa 3.6 għal fondi li jikkontribwixxu għalihom il-Fondi Strutturali. Il-Kummissjoni tikkunsidra t-tħaris ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet bħala element posittiv meta teżamina l-kompatibilità tal-fond mar-regoli dwar għajnuna Statali. Ir-rakkomandazzjonijiet ma jorbtux għall-finijiet ta' eliġibilità ta' infiq.

3.2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tas-settur privat għandha tkun sostanzjali, u 'l fuq minn 30 %.

3.3. Fondi għandhom ikunu kbar biżżejjed u jkopru popolazzjoni immirata kbira biżżejjed biex jiżguraw li l-operazzjonijiet tagħhom ikunu potenzalment ekonomikament vijabbli, fuq skala ta' żmien għal investimenti kompatibbli mal-perjodu tal-parteċipazzjoni tal-Fondi Strutturali, u li jiffokaw fuq setturi ta' falliment tas-suq.

3.4. L-għażla ta' ħin għal ħlasijiet ta' kapital fil-fond għandha tkun l-istess ħin għall-Fond Strutturali u d-detenturi ta' l-ishma, u pro rata skond l-ammonti sottoskritti.

3.5. Fondi għandhom ikunu amministrati minn gruppi professjonali indipendenti b'esperjenza suffiċjenti fil-kummerċ li turi l-ħila meħtieġa u kredibilità biex jamministraw fond ta' kapital spekulattiv. Gruppi amministrattivi għandhom jintgħażlu fuq bażi ta' proċess ta' għażla kompetittiva, waqt li jitqies il-livell ta' imposti li jkunu maħsuba..

3.6. Normalment fondi m'għandux ikollhom maġġoranza ta' ishma f'ditti u għandu jkollhom l-għan li jissarfulhom l-investimenti kollha fi żmien il-ħajja tal-fond.

([1]) ĠU C 288, 09.10.1999, p. 2.

Regola Nru 9: Fondi ta' garanzija

1. REGOLA ĠENERALI

Il-Fondi Strutturali jistgħu jikko-finanzjaw il-kapital ta' fondi ta' garanzija bil-kondizzjonijiet preskritti fil-punt 2. Għall-finijiet ta' din ir-Regola, "Fondi ta' garanzija" tfisser strumenti finanzjarji li jiggarantixxu kapital spekulattiv u fondi ta' self fis-sens tar-Regola Nru 8 u skemi oħra dwar riskju ta' finanzjament ta' SMEs (inkluż self) kontra telf minn investimenti tagħhom f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju kif imfisser fir-rakkomandazzjoni 96/280/KE kif emendata l-aħħar bir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2003. Il-fondi jistgħu ikunu fondi reċiproċi sostnuti pubblikament u sottoskritti minn SMEs, fondi amministrati kummerċjalment b'sieħba mis-settur privat, jew fondi iffinanzjati totalment minn għejun pubbliċi Il-parteċipazzjoni tal-Fondi Strutturali f'fondi tista' tkun akkumpanjata minn garanziji parzjali provduti bi strumenti finanzjarji oħra tal-Komunità.

2. KONDIZZJONIJIET

2.1. Pjan għaqli ta' negozju għandu jintbagħat mill-ko-finanzieri jew sponsors tal-fond bl-istess mod bħal fil-każ ta' fondi ta' kapital spekulattiv (Regola Nru 8), mutatis mutandis, u jispeċifika l-portafoll ta' garanzija fil-mirall-pjan tan-negozju għandu jkun analizzat sew u l-implimentazzjoni tiegħu monitorjata minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità amministrattiva.

2.2. Il-fond għandu jiġi stabbilit bħala entità ġuridika indipendenti regolat bi ftehim bejn id-detenturi ta' l-ishma jew bħala blokk finanzjarju separat f'istituzzjoni finanzjarja eżistenti. Fil-każ ta' l-aħħar il-"fond" għandu jkun suġġett għal ftehim separat dwar l-implimentazzjoni, li jistipula b'mod partikolari iż-żamma ta' kontijiet separati li jiddistingwu bejn ir-riżorsi ġodda investiti fil-fond (inklużi dawk kontribwiti mill-Fondi Strutturali) u dawk li inizjalment kienu disponibbli fl-istituzzjoni.

2.3. Il-Kummissjoni ma tistax issir sieħba jew azzjonista tal-fond.

2.4. Fondi jistgħu biss jiggarantixxu investimenti f'attivitajiet meqjusa bħala ekonomikament u potenzalment vijabbli. Fondi m'għandhomx jipprovdu garanziji għal ditti f'diffikultajiet fis-sens tal-linji ta' gwida tal-Komunità dwar għajnuna Statali biex ikunu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultajiet.

2.5. Kull parti li jkun baqa' minn kontribuzzjoni tal-Fondi Strutturali wara li l-garanziji jkunu ġew onorati għandha terġgħa tintuża f'attivitajiet ta' żvilupp ta' SMEs fl-istess qasam eliġibbli.

2.6. L-ispejjeż ta' l-amministrazzjoni m'għandhomx jaqbżu t-2 % tal-kapital imħallas b'sald fuq medja annwali għal matul l-għajnuna ħlief jekk, wara sejħa kompetittiva għal offerti għal xogħol bl-appalt, ikun meħtieġ perċentwal ogħla.

2.7. Fil-ħin ta' l-għeluq ta' l-operazzjoni, l-infiq eliġibbli tal-fond (il-benefiċjarju finali) għandu jkun l-ammont ta' kapital meħtieġ tal-fond imħallas bis-sald, fuq il-bażi ta' verifika indipendenti, biex ikopri l-garanziji provduti inklużi l-ispejjez amministrattivi li jkunu nqalgħu.

2.8. Kontribuzzjonijiet għal fondi ta' garanzija mill-Fondi Strutturali u għejun pubbliċi oħra, kif ukoll il-garanziji provduti minn dawn il-fondi lil SMEs individwali huma suġġetti għar-regoli dwar għajnuna Statali.

Regola Nru 10: Kiri b'lokazzjoni

1. REGOLA ĠENERALI

Spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' operazzjonijiet ta' kiri b'lokazzjoni huma eliġibbli għal ko-finanzjament mill-Komunità mill-Fondi Strutturali bla ħsara għar-regoli preskritti fil-punti 2 sa 4.

2. GĦAJNUNA PERMEZZ TA' LOKATUR

2.1. Il-lokatur hu r-riċevitur dirett tal-ko-finanzjament mill-Komunità li jintuża biex jonqsu l-ħlasijiet tal-kera b'lokazzjoni magħmula mil-lokatarju dwar assi koperti bil-kuntratt ta' lokazzjoni.

2.2. Kuntratti ta' lokazzjoni li għalihom titħallas għajnuna Komunitarja għandhom jinkludu għażla ta' xiri jew jiddisponu għal perjodu minimu ta' lokazzjoni ugwali għal dak ta l-attiv li għalih jirrelata l-kuntratt.

2.3. Meta kuntratt ta' lokazzjoni jintemm qabel ma jkun għadda l-perjodu minimu tal-lokazzjoni mingħajr l-approvazzjoni minn qabel ta' l-awtoritajiet kompetenti, il-lokatur għandu jintrabat li jħallas lura lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti konċernati (għall-kreditu tal-fond approprjat) dik il-parti ta' l-għajnuna tal-Komunità li tikkorrispondi għall-kumplament tal-perjodu ta' lokazzjoni.

2.4. Ix-xiri ta' l-attiv mil-lokatur, sostnut b'fattura b'riċevuta jew b'dokument ta' kontijiet ta' valur probatorju ugwali, jikkostitwixxi l-infiq eliġibbli għal ko-finanzjament. L-akbar ammont eliġibbli għal ko-finanzjament mill-Komunità m'għandux jaqbeż il-valur fis-suq ta' l-attiv mogħti b'lokazzjoni.

2.5. Spejjeż konnessi mal-kuntratt ta' lokazzjoni (notevolment taxxa, il-marġni tal-lokatur, spejjeż ta' interessi fuq finanzjament mill-ġdid, spejjeż ġenerali, ħlasijiet ta' assigurazzjoni), għajr l-infiq imsemmi fil-punt 2.4, mhumiex infiq eliġibbli.

2.6. Għajnuna Komunitarja mħallsa lill-lokatur għandha tintuża kollha kemm hi għall-benefiċċju tal-lokatarju permezz ta' tnaqqis uniformi mill-kirjiet tal-lokazzjoni għal kemm idum il-perjodu tal-lokazzjoni.

2.7. Il-lokatur għandu juri li l-benefiċċju ta' l-għajnuna tal-Komunità għandu jiġi trasferit kollu kemm hu lill-lokatarju billi tkun stabbilita analiżi bid-dettalji ta' ħlasijiet ta' kera jew b'xi metodu ieħor li jagħti assigurazzjoni ekwivalenti.

2.8. L-ispejjeż imsemmija fil-punt 2.5, l-użu ta' kull benefiċċju fiskali li joħroġ minn operazzjoni ta' lokazzjoni, u kondizzjonijiet oħra tal-kuntratt għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk applikabbli fin-nuqqas ta' xi intervent finanzjarju mill-Komunità

3. GĦAJNUNA LILL-LOKATARJU

3.1. Il-lokatarju hu r-riċevitur dirett tal-ko-finanzjament mill-Komunità

3.2. Il-kirjiet tal-lokazzjoni mħallsa lill-lokatur mill-lokatarju, flimkien ma' fattura b'riċevuta jew dokument tal-kontijiet b'valur probatorju ekwivalenti, jikkostitwixxu infiq eliġibbli gal ko-finanzjament.

3.3. Fil-każ ta' kuntratti ta' lokazzjoni li jinkludu għażla ta' xiri jew li jiddisponu għal perjodu minimu ta' lokazzjoni ugwali għall-ħajja utli ta' l-attiv li għalih jirrelata l-kuntratt, l-akbar ammont eliġibbli għal ko-finanzjament mill-Komunità m'għandux jaqbeż il-valur fis-suq ta' l-attiv mikri b'lokazzjoni. Spejjeż oħra konnessi mal-kuntratt ta' lokazzjoni (taxxa, il-marġni tal-lokatur, spejjeż ta' interessi fuq finanzjar mill-ġdid, spejjeż ġenerali, spejjeż ta' assigurazzjoni, eċċ.) mhumiex infiq eliġibbli

3.4. L-għajnuna tal-Komunità dwar kuntratti ta' lokazzjoni imsemmija fil-punt 3.3 titħallas lill-lokatarju f'pagament wieħed jew iżjed fir-rigward ta' kirjiet b'lokazzjoni effettivament imħallsa. Meta t-terminu tal-kuntratt b'lokazzjoni jaqbeż l-aħħar data li fiha jitqiesu ħlasijiet ta' għajnuna Komunitarja, l-ispejjeż biss dwar il-kirjiet b'lokazzjoni li jkun għalqilhom iż-żmien u tħallsu mill-lokatarju sa l-aħħar data ta' ħlas ta' għajnuna jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli.

3.5. Fil-każ ta' kuntratti b'lokazzjoni li ma jkunx fihom għażla għax-xiri u li ż-żmien tagħhom huwa inqas mill-perjodu tal-ħajja utli ta' l-attiv li għalih jirrelata l-kuntratt b'lokazzjoni, il-kirjiet tal-lokazzjoni huma eliġibbli għal ko-finanzjament mill-Komunità proporzjonatament għall-perjodu ta' l-operazzjoni eliġibbli. Madankollu, il-lokatarju irid ikun f'posizzjoni li juri li l-kiri b'lokazzjoni kien l-aktar mod effettiv mill-aspett ta' spejjeż biex jinkiseb l-użu tat-tagħmir. Meta l-ispejjeż kienu jkunu inqas kieku intuża metodu alternattiv (per eżempju kiri ta' tagħmir), l-ispejjeż addizzjonali għandhom jitnaqqsu mill-infiq eliġibbli

3.6. L-Istati Membri jistgħu japplikaw regoli nazzjonali aktar stretti biex jikkalkolaw l-infiq eliġibbli skond il-punti 3.1 sa 3.5.

4. BEJGĦ U TEĦID LURA B'LOKAZZJONI

Kirjiet ta' lokazzjoni imħallsa minn lokatarju skond skema ta' bejgħ u teħid lura b'lokazzjoni jistgħu ikunu infiq eliġibbli skond ir-regoli preskritti fil-punt 3. L-ispejjeż biex jinkiseb l-attiv mhumiex eliġibbli għal ko-finanzjament mill-Komunità

Regola Nru 11: Spejjeż ta' amministrazzjoni u ta' implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali

1. REGOLA ĠENERALI

Spejjeż li jkunu għamluhom l-Istati Membri fl-amministrazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-Fondi Strutturali mhumiex eliġibbli għal ko-finanzjament ħlief kif previst fil-punt 2 u li jaqgħu taħt il-kategoriji preskritti fil-punt 2.1.

2. KATEGORIJI TA' SPEJJEŻ TA' AMMINISTRAZZJONI, IMPLIMENTAZZJONI, MONITORAĠĠ U KONTROLL ELIĠIBBLI GĦAL KO-FINANZJAMENT

2.1. Il-kategoriji ta' spejjeż li ġejjin huma eliġibbli għal ko-finanzjament b'għajnuna skond il-kondizzjonijiet preskritti fil-punti 2.2 sa 2.7:

— infiq li għandu x'jaqsam mal-preparazzjoni, għażla, analiżi u monitoraġġ ta' l-għajnuna u ta' l-operazzjonijiet (imma mhux spejjeż dwar il-ksib u l-istallazzjoni ta' sistemi kompjuterizzati għal amministrazzjoni, monitoraġġ u valutazzjoni),

— infiq fuq laqgħat ta' kumitati u sotto-kumitati ta' monitoraġġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-implimentazzjoni ta' għajnuna. Dan l-infiq jista' jinkludi wkoll l-ispejjeż ta' esperti, inklużi parteċipanti minn pajjiżi terzi, meta l-president ta' dawn il-kumitati jidhirlu li l-preżenza tagħhom hi essenzali għall-implimentazzjoni ta' l-għajnuna,

— infiq konness mal-verifika u kontrolli ta' operazzjonijiet fuq il-post.

2.2. Infiq fuq salarji inklużi kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali hu eliġibbli biss fil-każi li ġejjin:

(a) impjegati taċ-ċivil jew uffiċjali pubbliċi oħra sekondati b'deċiżjoni debitament dokumentata ta' l-awtorità kompetenti biex iwettqu xogħolijiet imsemmija fil-punt 2.1;

(b) persunal ieħor impjegati biex iwettqu xogħolijiet imsemmija fil-punt 2.1.

Il-perjodu ta' sekondar jew impieg ma jistax jaqbeż id-data finali għall-eliġibilità ta' infiq preskritta fid-deċiżjoni li tapprova l-għajnuna.

2.3. Il-kontribuzzjoni mill-Fondi Strutturali għall-infiq taħt il-punt 2.1 għandha tkun limitata għal ammont massimu li għandu jiġi stabbilit fl-għajnuna approvata mill-Kummissjoni u m'għandux jaqbeż il-limiti preskritti fil-punti 2.4 sa 2.5.

2.4. Dwar kull għajnuna, ħlief l-Inizjattivi Komunitarji, il-programm speċjali Paċi II u azzjonijiet innovattivi, il-limitu għandu jkun is-somma ta' l-ammonti li ġejjin:

— 2,5 % ta' dik il-parti mill-kontribuzzjoni kollha tal-Fondi Strutturali inqas minn jew ugwali għal EUR 100 miljun,

— 2 % ta' dik il-parti mill-kontribuzzjoni kollha tal-Fondi Strutturali li taqbeż il-EUR 100 miljun iżda hi inqas minn jew ugwali għal EUR 500 miljun,

— 1 % ta' dik il-parti mill-kontribuzzjoni kollha tal-Fondi Strutturali li taqbeż l-EUR 500 miljun iżda hi inqas minn jew ugwali għal EUR 1 000 miljun,

— 0,5 % ta' dik il-parti mill-kontribuzzjoni kollha tal-Fondi Strutturali li taqbeż l-EUR 1 000 miljun.

2.5. Dwar l-Inizjattivi Komunitarji, l-azzjonijiet innovattivi u l-programm speċjali Paċi II, il-limitu għandu jkun ta' 5 % tal-kontribuzzjoni kollha tal-Fondi Strutturali. Meta għajnuna bħal din tinvolvi l-parteċipazzjoni ta' iktar minn Stat Membru wieħed il-limitu jista' jiżdied biex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-ispejjeż ogħla ta' l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni u jiġi stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

2.6. Għall-finijiet tal-kalkolazzjoni ta' l-ammont tal-limiti fil-punti 2.4 u 2.5, il-kontribuzzjoni kollha tal-Fondi Strutturali għandha tkun it-total stabbilit għal kull għajnuna approvata mill-Kummissjoni.

2.7. L-implimentazzjoni tal-punti 2.1 sa 2. 6 ta' din ir-Regola għanda tiġi miftehma bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u titniżżel fl-għajnuna. Ir-rata tal-kontribuzzjoni għandha tiġi stabbilita skond l-Artikolu 29(7) tar-Regolament Ġenerali. Għall-finijiet ta' monitoraġġ, l-ispejjeż imsemmija fi 2.1 għandhom ikunu s-suġġett ta' miżura jew sub-miżura għaliha fl-għajnuna teknika.

3. INFIQ IEĦOR TAĦT L-GĦAJNUNA TEKNIKA

Azzjonijiet li jistgħu ikunu ko-finanzjati taħt l-għajnuna teknika, għajr dawk preskritti fil-punt 2 (bħal studji, seminars, azzjonijiet ta' informazzjoni, valutazzjoni, u l-kisba u l-istallazzjoni ta' sistemi kompjuterizzati ta' amministrazzjoni, monitoraġġ u valutazzjoni), mhumiex suġġetti għall-kondizzjonijiet preskritti fil-punti 2.4 sa 2.6. Infiq fuq salarji ta' impjegati taċ-ċivil jew uffiċjali pubbliċi oħra fit-twettiq ta' dawn l-azzjonijiet mhuwiex eliġibbli.

4. INFIQ MINN AMMINISTRAZZJONIJIET PUBBLIĊI RELATAT MAT-TWETTIQ TA' OPERAZZJONIJIET

L-infiq li ġej ta' amministrazzjonijiet pubbliċi hu eliġibbli għal ko-finanzjament barra mill-għajnuna teknika jekk ikun relatat mat-twettiq ta' operazzjoni basta li ma jkunx dovut għal responsabbiltajiet statutorji ta' l-awtorità pubblika jew ta' l-amministrazzjoni, monitoraġġ u xogħolijiet ta' kontroll ta' kuljum ta' l-awtorità:

(a) spejjeż ta' servizzi professjonali mogħtija minn servizz pubbliku fl-implimentazzjoni ta' xi operazzjoni. L-ispejjeż għandhom ikunu fatturati lil xi benefiċjarju finali (pubbliku jew privat) jew ċertifikati fuq il-bażi ta' dokumenti ta' valur probatorju ekwivalenti li jippermetti l-identifikazzjoni ta' spejjeż attwali mħallsa mis-servizz pubbliku ikkonċernat fir-rigward ta' dik l-operazzjoni;

(b) spejjeż ta' l-implimentazzjoni ta' operazzjoni, inkluż l-infiq relatat mal-provvediment ta' servizzi, imħallsa minn awtorità pubblika li hi stess tkun benefiċjarja finali u li tkun qed twettaq operazzjoni għal rasha mingħajr rikors għal inġinieri barranin jew ditti oħra. L-infiq ikkonċernat għandu jkun jirrelata għal infiq attwalment u direttament imħallas fl-operazzjoni ko-finanzjata u għandu jkun ċertifikat fuq il-bażi ta' dokumenti li jippermettu l-identifikazzjoni ta' spejjeż attwali mħallsa mis-servizz pubbliku konċernat fir-rigward ta' dik l-operazzjoni.

Regola Nru 12: Eliġibilità ta' operazzjonijiet li jiddependu mill-post fejn isiru

1. REGOLA ĠENERALI

Bħala regola ġenerali, operazzjonijiet ko-finanzjati mill-Fondi Strutturali għandhom isiru fir-reġjun li għalih tirrelata l-għajnuna.

2. EĊĊEZZJONI

2.1. Meta r-reġjun li għalih tirrelata l-għajnuna jibbenefika totalment jew parzjalment minn operazzjoni li tkun qed issir barra minn dak ir-reġjun, l-operazzjoni tista' tiġi aċċettata mill-awtorità amministrattiva għal ko-finanzjament basta li l-kondizzjonijiet kollha preskritti fil-punti 2.2 sa 2.4 ikunu mħarsa. F'każi oħra operazzjoni tista tiġi aċċettata bħala eliġibbli għal ko-finanzjament skond il-proċedura fil-punt 3. Għal operazzjonijiet finanzjati taħt l-Istrument Finanzjarju għal Gwida tas-Sajd (FIFG), il-proċedura taħt il-punt 3 trid dejjem tiġi segwita.

2.2. L-operazzjoni trid issir f'żona tal-NUTS III ta' l-Istat Membru li jkun imiss l-ewwel mar-reġjun li għalih tirrelata l-għajnuna.

2.3. L-ogħla infiq eliġibbli ta' l-operazzjoni jinħadem pro rata skond il-proporzjon tal-benefiċċji mill-operazzjoni li jkun previst li se jgawdi r-reġjun u għandu jkun bażat fuq valutazzjoni ta' korp li jkun indipendenti mill-awtoritaà amministrattiva. Il-benefiċċji jiġu stmati f'konsiderazzjoni tal-miri speċifiċi ta' l-għajnuna u l-impatt mistenni tagħha. L-operazzjoni ma tistax tiġi aċċettata għal ko-finanzjament meta l-proporzjon tal-benefiċċji jkun inqas minn 50 %.

2.4. Għal kull miżura ta' għajnuna, l-infiq eliġibbli ta' l-operazzjonijiet aċċettati taħt il-punt 2.1 m'għandux jaqbeż l-10 % tat-total ta' l-infiq eliġibbli tal-miżura. Barra dan, l-infiq eliġibbli ta' l-operazzjonijiet kollha fl-għajnuna aċċettata skond il-punt 2.1 m'għandux jaqbeż il-5 % ta' l-infiq kollu eliġibbli għall-għajnuna.

2.5. Operazzjonijiet aċċettati mill-awtorità amministrattiva skond il-punt 2.1 għandhom ikunu indikati fir-rapport annwali u dak dwar l-implimentazzjoni ta' l-għajnuna.

3. KAŻI OĦRA

Fil-każ ta' operazzjonijiet barra r-reġjun li għalihom tirrelata l-għajnuna iżda li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet fil-punt 2, u ta' operazzjonijiet finanzjati mill-FIFG, l-aċċettazzjoni ta' l-operazzjoni ta' ko-finanzjament għandha tkun suġġetta għall-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' każ każ wara talba magħmula minn Stat Membru, waqt li jitqiesu b'mod partikolari il-viċinanza ta' l-operazzjoni lejn ir-reġjun, il-livell tal-benefiċċju li jista' jkun previst, u l-ammont ta' l-infiq fi proporzjon ta' l-infiq kollu tal-miżura u ta' l-għajnuna. Fil-każ ta' għajnuna relatata mar-reġjuni 'l aktar 'il barra, il-proċedura f'dan il-punt għandha tkun applikabbli.

ANNESS II

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 1685/2000	Regolament li jemenda
Artikolu 1	Artikolu 1, modifikat
Artikolu 2	Artikolu 2, modifikat
Anness	Anness I
Regola 1	Regola 1, modifikata
Punt 1.1	Punt 1.1, modifikat
	Punt 1.3, ġdid
Punt 1.3	Punt 1.4
Punt 1.4	Punt 1.5
Punt 1.5	Punt 1.6
Punt 1.6	Punt 1.7
Punt 1.7	Punt 1.8
Punt 1.8	Punt 1.9
Punt 1.9	Punt 1.10
Punt 2	Punt 2, modifkat
Punt 3	Punt 3, mhux mibdula
Regol 2	Regola 2, mhux mibdula
Regola 3	Regola 3, mhux mibdula
Punt 1	Punt 1, modifikat
Punti 2 sa 5	Punti 2 sa 5, mhux mibdula
Regola 4	Regola 4, mhux mibdula
Regola 5	Regola 5, mhux mibdula
Regola 6	Regola 6, mhux mibdula
Regola 7	Regola 7, modifikata
Punt 1	Punt 1, modifikat
	Punt 2, ġdid
Punt 2	Punt 3, modifikat
Punt 3	Punt 4, modifikat
Punt 4	Punt 5, modifikat
Regola 8	Regola 8, mhux mibdula
Regola 9	Regola 9, mhux mibdula
Regola 10	Regola 10, mhux mibdula
Regola 11	Regola 11, mhux mibdula
Regola 12	Regola 12, mhux mibdula
	ANNESS II, ġdid